

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Nike International Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 288, 23.10.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-27 ta' Settembru 2011 — Brighton Collectibles vs UASI — Felmar (BRIGHTON)**

(Kawża T-403/10) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BRIGHTON — Trade marks nazzjonali verbali u figurattivi BRIGHTON u sinjal oħra précédenti BRIGHTON — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) u (2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2011/C 331/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Brighton Collectibles, Inc. (Dover, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Delorey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralis: Felmar (Pariġi, Franza) (rappreżentant: D. Monégier du Sorbier, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Ġunju 2010 (Każ R 408/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Brighton Collectibles, Inc. u Felmar.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Brighton Collectibles, Inc. għandha tħati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

(3) Felmar għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 328, 04.12.2010.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tat-13 ta' Settembru 2011 — CEVA vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-224/09) (<sup>1</sup>)

(“Rikors għal annullament — Programm speċifiku ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-‘Enerġija, ambjent u żvilupp sostenibbli — Proġetti Protop — Ftehim ta’ għotja — Talba għar-rimbors ta’ ammonti mħallsa bil-quddiem għall-eżekuzzjoni ta’ kuntratt ta’ finanzjament ta’ riċerka — Subappalt — Ittra li tfakkar — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2011/C 331/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Centre d'étude et de valorisation des algues SA (CEVA) (Pleubian, Franza) (rappreżentant: J.-M. Peyrical, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Joris, aġġent, assistit minn E. Bouttier, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-ittra li tfakkar tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2009, li permezz tagħha din stiednet lir-rikorrent jirrimborsa s-somom kollha mħallsa bil-quddiem minnha fl-eżekuzzjoni ta’ ftehim ta’ għotja konkluż għal proġetti li għandu jitwettaq fil-kunċċa tal-programm speċifiku ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni intitolat “Enerġija, ambjent u żvilupp sostenibbli”.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) Is-Centre d'étude et de valorisation des algues SA (CEVA) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 205, 29.08.2009.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tal-14 ta' Settembru 2011 — Regione Puglia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-84/10) (<sup>1</sup>)

(“Rikors għal annullament — FEŻR — Deċiżjoni ta’ tnaqqis ta’ għajnejha finanzjarja — Entità reġjonali — Nuqqas ta’ interess dirett — Inammissibbiltà”)

(2011/C 331/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Regione Puglia (Bari, l-Italja) (rappreżentanti: F. Brunelli u A. Aloia, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Cattabriga u A. Steibltyé, aġġenti)